MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 160/2014

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fis-7 ta’ Gunju 2003 (Certifikat taz-Zwieg anness Dok. A);

Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Frar 2008;

Illi permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), datata 15 ta’ Novembru 2001, fl-ismijiet C D vs A B (Cit. Nru 192/2008), giet dikjarata s-separazzjoni bejn il-partijiet, xolta l-komunjoni tal-akkwisti allura ezistenti, kif ukoll giet likwidata il-komunjoni tal-akkwisti allura ezistenti (kopja annessa Dok B);

Illi l-partijiet kienu ilhom de facto separati sa mit-8 ta’ Marzu 2008;

Illi l-partijiet ma kellhomx ulied;

Illi ghaddew ferm aktar minn erba’ snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata C D bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-Ligi, u dan taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta’ April, 2014;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati mit-8 ta’ Marzu 2008 u ilhom legalment separati mill-15 ta’ Novembru 2011;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------